MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-21 ta' April, 2014

Numru. 402/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs.**

**Ionut Neagu**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Ionut Neagu iben Sorin u Liliana nee Ivascu, imwieled ir-Rumanija fil-25 ta’ Awissu 1989 u residenti gewwa indirizz mhux maghruf, San Giljan, Malta, detentur tal-Karta tal-Identita Rumena numru: GL867393.

Akkuzat talli nhar is-16 ta’ April 2014, gewwa San Giljan u f’dawn il-Gzejjer:

1. Ikkometta serq ta’ mobile phone tal-ghamla HTC, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l- mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccediex

l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Mohamed Wafigh Essuni Elbakkouri u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjoni dedotta kontrih tista' twassal ghal piena ta' tliet (3) snin prigunerija, u wara li l-Qorti tat lill-imputat hin adegwat biex jikkonsulta mal-Avukat difensur tieghu u jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu, l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Il-partijiet jiddikjaraw li l-imputat ilu Malta madwar xahar.

L-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li r-retail price tal-mobile phone kien hames mitt Euro (€500) u li ma giex ritornat lis-sid.

Wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, li huwa ikkopera mal-pulizija u li l-mobile phone ma giex ritornat lil sidu.

In vista tal-fatt li l-imputat ilu Malta madwar xahar biss, il-fedina penali tieghu m'hijiex daqshekk rilevanti.

Il-mobile phone kien jiswa circa hames mitt (€500), li mhux xi ammont sostanzjali, pero dan is-serq huwa aggravat ukoll bil-hin.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 267, 270, 279(a), 280 u 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sittax (16)-il xahar, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, jhallas is-somma ta' hames mitt Euro (€500) lill-parti offiza fi zmien jumejn mil-lum, rapprezentanti il-valur tal-mobile phone misruq.

Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas lill-parti offiza l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------